# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Ġurisdizzjoni Superjuri
# Sezzjoni Ġenerali

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 44/2008 SG**

**Maġġur Claudio Terrible AFM u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2021 isem l-attur ġie jaqra Logotenent Kurunell (irtirat) Claudio Terrible**

**vs**

**Il-Prim Ministru u Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2016, ġie kjamat in kawża, l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2021 l-isem l-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali ġie jaqra Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi**

**Illum il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat r-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta u talab hekk:

> *Illi r-rikorrent huwa impjegat tal-Armata ta' Malta (AFM), bħala fizzjal ikkummissjonat u fil-preżent bir-rank ta' Maġġur, waqt li ilu impjegat mal-AFM mill-ewwel ta' Frar tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989);*

*Illi l-proċeduri tal-promozzjoni fil-każ ta' fizzjal ikkummissjonat tal-AFM huma regolati permezz ta' numru ta' Policy Documents miġbura fil-handbook hekk imsejjaħ 'The AFM Officer' Career Handbook', hawn anness u mmarkat dok CT1, kif ukoll mil-leġislazzjoni sussidjarja 220 tal-2003;*

*Illi mill-grad ta' Logotenent sabiex issir Kaptan trid tagħmel eżami u tgħaddi, u minn Kaptan sabiex issir Maġġur trid tagħmel eżami u tgħaddi, iżda wara dan il-proċess sabiex minn Maġġur issir Tenent Kurunell m'hemmx ħtieġa ta' eżami iżda l-promozzjoni ssir b'rakkomandazzjoni bbażata fuq effiċjenza, anzjanita' u għażla biex timtela vakanza.*

*Illi r-rikorrent għandu l-kwalifiki kollha li tirrikjedi l-Liġi sabiex jigi elevat għall-grad ta' Tenent Kurunell u senjatament għandu l-effiċjenza u l-anzjanita;*

*Illi fit-tnejn (2) ta' Novembru 2007, ittieħdet deċiżjoni mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fejn it-tenent Kurunell Ian Ruggier, Tenent Kurunell Mario Borg u Tenent Kurunell Martin Sammut ingħataw promozzjoni mill-grad ta' Maġġur għall-grad ta' Tenent Kurunell u dan skond kif jirriżulta mill-provi waqt is-smiegħ tal-kawża;*

*Illi din id-deċiżjoni saret minkejja illi 1) Ir-rikorrent ilu f'Command Appointment għal dawn l-aħħar tnax-il-sena. 2) Ir-rikorrent kellu aktar senjorita' mill-persuni hawn fuq indikati. 3) kif ukoll ir-rikorrent għandu l-kriterju ta' l-effiċjenza, liema kriterju joħorġu mir-rapporti kunfidenzjali li jsiru kull sena mis-superjur ta' fuqu hekk kif jidhru filConfidential Reports personali tar-rikorrent. 4) Ir-rikorrent ġie rikonoxxut min-naħa tal-AFM għas-servizz effiċjenti u twil tiegħu billi l-istess AFM ddekoratu pubblikament fis-sena 2007 permezz ta' midalja għal-Long and Efficient Service;*

*Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati hija waħda mhux biss abużiva u llegali imma diskriminatorja u ultra vires ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Liġi tal-Forzai Armati ta' Malta u l-avviż legali 91 (leġislazzjoni sussidjarja 220 tal-2003) rigward regolament dwar in-nomini u l-kundizzjonijiet tasservizz tal-forza regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.*

*Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:*

1. *Preliminarjament tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex il-pożizzjoni tar-rikorrent ma tkunx preġudikat stanti li jinsab il-biża jkun hemm diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol waqt dawn il-proċeduri.*

2. *Tiddikjara illi l-imsemmija deċiżjoni tal-konvenuti hija abusiva tal-konvenuti hija abużiva, illegali, diskriminatorja fil-konfront ta' l-attur u ultra vires;*

3. *Tiddikjara għalhekk illi l-imsemmija deċiżjoni tal-konvenuti hija nulla, invalida u mingħajr effett u konsegwentament;*

4. *Tordna li l-attur jiġi mgħolli għal grad ta' Tenent Kurunell u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

*B'riserva għal kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ġuramentata tal- Prim Ministru u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li biha eċċepew illi:

1. *Illi preliminarjament il-Prim Ministru qed jiġi imħarrek inutilment billi ai termini ta' l-artikolu 181B(1) huwa l-Kap tad-Dipartiment li għandu jitħarrek f'kull ċirkostanza li tikkonċerna tali Dipartiment, u f'dan il-każ jeżisti l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li waħdu jista' jitħarrek għal dan il-għan.*

2. *Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti m'għandha ebda ġurisdizzjoni biex tissindika l-organiżazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta billi ai termini ta' l-artikolu 469A miżuri li jirrigwardaw l-organiżżazzjoni interna tad-Dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern huma esklużi mid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" f'dak l-artikolu u jaqgħu barra mis-sindakabilita' ġudizzjarja.*

3. *Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta' fundament ġuridiku għall-azzjoni ta' l-atturi stante illi ma jeżisti ebda dritt taħt il-liġi li wieħed jieħu promozzjoni.*

4. *Illi l-esponenti qegħdin jeċċepixxu wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu jistgħu skond id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti jkunu diretti għall-kisba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma hemm l-ebda ness ta' kawżali bejn l-aġir ta' l-esponent u kwalunkwe danni li jistgħu jkunu pretiżi mill-attur.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tas-subinċiż (5) ta' l-Artikolu 469(A) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita' pubblika ma twassalx għal għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat li l-awtorita' aġixxiet in mala fede, b'mod irraġonevoli tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra. Għaldaqstant, kwalunkwe talba għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni tkun inakkoljabbli.*

6. *Illi fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

7. *Illi l-ġudizzju ta' l-esponent dwar il-promozzjonijiet li ngħataw fl-Armata kien wieħed ġust, skond il-liġi u b'osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għalhekk l-esponenti la aġixxew ultra vires u lanqas b'abbuż ta' poter.*

8. *Illi fil-proċess biex jimtlew vakanzi fil-gradi u rrwoli differenti tal-Forzi Armati ta' Malta jitqiesu diversi fatturi u kriterji u mhux biss anzjanita' u kwalifiki kif qed jallega l-attur, liema fatturi u kriterji ġew meqjusa komplessivament biex hekk ingħataw il-promozzjonijiet in kwistjoni.*

*Illi għaldaqstant dan ir-rikors għandu jiġi respint fl-intier tiegħu billi:*

*a) l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' stante li, apparti li hija vaga, hija wkoll ibbażaa fuq allegazzjonijiet mhux pruvati – u li ma jistgħux jiġu pruvati għax huma inveritjieri – li għalhekk din il-Qorti b'ebda mod m'għandha taċċettahom. Jekk ir-rikorrent qed jipprova jżomm lillesponent milli jwettaq ċerti affarijiet ipotetiċi ċertament li, dato ma non concesso li jeżisti xi rimedju għal tali ċirkostanzi, din ċertament m'hijiex l-azzjoni idoneja għal talba bħal dik;*

*b) it-tieni talba lanqas m'għandha tintlaqa stante li ma kien hemm xejn abbużiv, illegali jew diskriminatorju fl-aġir ta' l-esponenti;*

*c) għaldaqstant lanqas it-tielet talba ma tista' loġikament tintlaqa';*

*d) ir-raba talba hija assolutament in akkoljabbli stante li jekk kemm-il darba ssib favur ir-rikorrent ai termini ta' l-artikolu 469A din il-Qorti tista' biss tordna lillesponent Kap Kmandant tal-Forzi Armati sabiex jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu u mhux tordna li jagħti promozzjoni lil xi persuna partikolari. Altrimenti, ikun sehħ indħil ġudizzjarju illeċtu f'affarijiet amministrattivi b'dannu għas-separazzjoni ta' poteri fl-Istat.*

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-4 ta' Novembru 2009 fejn l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Prim Ministru u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħet quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. *Illi l-mertu ta' din il-kawża huwa ormai eżawrit ġaladarba l-attur kiseb il-promozzjoni ambita għall-grad ta' Tenent Kurunell nhar is-27 ta' Settembru 2013. Ir-raba' talba tal-attur fir-rikors promotur kienet li jiġi mgħolli għall-grad ta' Tenent Kurunell liema talba hija eżawrita għax llum huwa għandu dak ir-rank li kien qiegħed jittenta jitlob;*

2. *Illi ladarba l-mertu tal-vertenza odjerna huwa eżawrit, lanqas ma jirriżulta li l-attur għad għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikompli b'din il-kawża u dan għaliex, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu sabiex id-deċiżjoni tal-konvenuti tkun dikjarata abbusiva, illegali, u diskriminatorja filkonfront tal-attur u tkompli sabiex tiddikjara l-istess bħala nulla, invalida u mingħajr effett, ma jifdal l-ebda benefiċċju li jista' jottjeni l-attur minn tali dikjarazzjoni u dan stante li r-raba' talba tiegħu hija konsegwenzjali għal tali dikjarazzjoni hekk kif jirriżulta mill-kliem minnu użat 'konsegwentement' ;*

3. *Illi għalhekk jekk din il-kawża jkollha tkompli, ser tkun konklussiva biss għall-eżerċizzju akkademiku u dikjaratorju dwar liema hemm skorta ta' gurisprudenza li tipprojbixxi tali tip ta' kawżi, u dan għaliex dak li qed jitlob ga ngħatalu u lanqas ma jirriżulta mit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur li huwa talab xi retroattivita' fil-promozzjoni ;*

4. *Illi oltre dan u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta wkoll illi ftit xhur qabel l-eżerċizzju ta' promozzjoni li fih l-attur ġie promoss, ġew mnedija aggornamenti fil-policy ta' promozzjoni u kien a bazi ta' dawn il-kambjamenti aħħarija li l-attur seta' jiġi promoss ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat is-sentenza preliminari mogħtija nhar l-14 ta' Ottubru 2016 fejn it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti kif magħmula fir-risposta ġuramentata tagħhom tal-14 ta' Novembru 2014 ġiet miċħuda u l-ispejjeż relattivi ġew akkolati fuq il-konvenuti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali fejn ġie eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u dan stante li fattwalment ma seta' jkollu ebda rwol fl-azzjoni mertu tal-kawża odjerna. Jiġi rilevat illi ifl-perijodu tal-promozzjonijiet in kwistjoni, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ma kienx jeżisti u l-armata kienet taqa' taħt il-mansjoni tal-Prim Ministru liema Ministeru huwa diġa' intimat f' din il-kawża. Għaldaqstant l-esponent m' huwiex il-leġittimu kontradittur sabiex iwieġeb għall-ilment tar-rikorrenti u għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli qorti li tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawża odjerna;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi meta l-attur ġie promoss fis-sena 2013 dan sar abbażi ta' policy mnedija f' dak iż-żmien, b' differenza għas-sistema jew metodu ta' kif kienu ġew individwati l-persuni promossi fis-sena 2007,*

4. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħed jiġi rinfaccjat b' din il-kawża fejn minkejja li r-rikorrent kellu kull fakulta' li jagħmel talba għad-danni taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għal raġunijiet magħrufa lilu biss, dan għażel li ma jagħmilhiex. Illi għalhekk kwalsiasi riserva għad-danni hija irrita u nulla, u legalment improponibbli u inakkoljibbli.*

5. *Illi jsegwi għalhekk li t-talbiet attriċi huma għalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta wara li l-Maġistrat preċedenti rtira.

Rat d-dokumenti esebiti.

Semgħet il-provi u rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

L-attur xehed nhar l-24 ta' Marzu 2010 fejn spjega il-progress tiegħu militari u r-ranking ezistenti fil-Forzi Armati ta' Malta. Tenna jgħid li l-*promotions* imħabbra fl-2007 ma kienux mistennija, u li fihom tliet *juniors* tiegħu qabżuh u ħadu *promotion* u dana b' referenza għal Maġġur Ian Ruġġier, Maġġur Mario Borg u Maġġur Martin Sammut. Sostna li huwa kien is-senior ta' dawn it-tlett Maġġuri. Kien għalhekk li huwa għamel *complaint* mal-kmandant, liema *complaint* ġiet *acknowledged* mill-istess kmandant. Xehed li huwa bagħat ukoll ittra reġistrata permezz tal-avukat lill-kmandant biex jitlob rimedju skond il-liġi peress li skontu l-*promotions* ma ngħatawx skond il-*liġi* u ċioe skond *recommendation based on efficiency and seniority*. Sostna li l-kmandant tal-Forzi Armati baqa' ma tah l-ebda rimedju skont kif kellu jagħmel ai termini tad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kapitolu 220 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur kompla jgħid li mill-medja induna li kien daħal proċess ieħor, dak ta' *security clearance*, liema proċess ma kienx dettaljat fuq il-*career's handbook*. Qal li meta saru l-*promotions*, hu kien l-iktar wieħed *senior*, u l-*efficiency* toħroġ mill-*confidential reports* ta' kull sena. Kompla jispjega li d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar *security clearance* fuq uffiċjali li jkunu f'kuntatt ma' dokumenti sigrieti tal-Unjoni Ewropa, u x'tip ta' eżaminar għandu jsir. Dwar is-*security clearance*, xehed li din saret fuqu iżda hu ma kienx konoxxenti tagħha, u lanqas jaf l-eżitu tal-istess eżerċizzju.

Nhar is-16 ta' Ġunju 2010 huwa kompla jgħid li l-proċess tas-*security clearance* kien wieħed mistur għalihom il-fizjali u dan il-proċess daħal fis-seħħ wara struzzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Xehed illi mix-xhieda mogħtija f'kawżi oħra mill-Brigadier Vassallo, huwa skopra li dawn l-istruzzjonijiet ġew mgħoddija lil Brigadier mingħand is-Segretarju Parlamentari Nutar Tony Abela filwaqt li kompla jgħid li fuq deċiżjoni tal-kmadant tal-armata is-*security clearance* intalbet fuq livell *secret* mhux *top secret u* l-armata naqset milli tinforma lil kull min hu nteressat li ser jgħaddi minn eżerċizzju ta' *security clearance*, kontra l-istess linji gwidi fil-*Council Decision* Ewropeja. Huwa spjega li skond il-*career's handbook* il-*promotion* minn Maġġur għal *Lieutenant Colonnel* trid issir mill-iktar Maġġuri *senior* iżda Ian Ruġġier u Mario Borg qabżuh f'din il-*promotion* għalkemm kienu *juniors* tiegħu. Spjega li b'referenza għal Martin Sammut, qal li dan ta' l-aħħar kien oriġinarjament *senior* tiegħu iżda peress li kien hemm xi diżgwit fuq eżami għal Maġġur, huwa kien laħaq qablu bħala Maġġur.

L-attur spjega fid-dettal il-karriera tiegħu fl-armata u qal ukoll li hu kellu ir-*requirements* kollha għal *promotion* għal *Lieutenant Colonnel*, u għamel referenza għall-klawsola fil-hand book li tgħid; "*No Majors should be considered for promotion to Lieutenant Colonnel unless they have taken at least one tour at regimental duty in one of these posts*". Huwa saħaq li hu dejjem okkupa karigi ogħla mir-responsabilita' tar-*rank* tiegħu, filwaqt li żied jgħid li Martin Sammut ma kellux l-esperjenza meħtieġa skond il-*career's handbook* biex jiġi *promoted*. Semma wkoll il-*confidential reports*, fejn skontu, tiegħu kienu tajbin iżda ta' nies oħrajn li ġew *promoted* ma kienux u żied li

hu tant kien dedikat li kien ingħata midalja għal servizz twil u effiċjenti fl-armata. L-attur reġa' spjega l-proċess li l-*establishment* jiġi krejat u hemmhekk jidhru il-*vacancies*, u qal li fl-2007 żdiedu dawn il-*vacancies out of the blues*, liema proċess huwa fil-fehma tal-attur suspettuż, peress li xahar wara li ħarġu l-*promotions* inħoloq l-*establishment* il-ġdid.

Nhar l-20 ta' Ottubru 2010, l-attur ppreżenta dokument u ritratti ta' meta huwa kien ingħata midalja għal *long and efficient Service* filwaqt li żied li reċentement ħarġu *vacancies* fl-armata li jistgħu jippreġudikawh peress li l-każ tiegħu għadu għaddej. Nhar is-27 ta' Mejju 2016 huwa kompla jixhed li minkejja li fil-mori tal-kawża hu ngħata l-*promotion* għal *Lieutenant Colonel*, hu għad għandu interess fil-kawża minħabba l-paga, arretrati kif ukoll danni oħra rigwardanti *promotion* mitlufa minħabba li laħaq *Lieutenant Colonel* iktar tard minn kollegi *junior* tiegħu. Huwa spjega li għalkemm hu rrifjuta *deployments* ta' Northwood u tal-Libja, dawn ma kellhomx jaffetwaw il-*promotion* tiegħu għax qal li din mhux *career move* u kompla jgħid li fil-każ ta' Mario Borg, dan kien ingħata *promotion* mingħajr ma kien hemm *vacancy*, liema *vacancy* damet seba' snin biex tiġi maħluqa. Xehed li fil-fehma tiegħu ma tagħmilx sens li wieħed jgħid li x-xogħol ta' Għawdex kellu inqas responsabilita' għax kellu inqas nies, tant li x-xogħol tiegħu kien bħala Maġġur. Saħaq li l-*confidential reports* tiegħu, dejjem kienu tajbin u qatt ma bagħat għalih il-kmandant; dejjem għamel l-almu tiegħu, u kien anke għamel rapport dwar kif l-affarijiet f'Għawdex setgħu ikunu aħjar, liema rapport kien ġie rredikolat mil-kmandant ta' dak iż-żmien. Spjega wkoll li f'Għawdex minħabba l-limitazzjonijiet tan-numru ta' suldati, ħafna drabi kull suldat ikollu *dual role*.

Fit-8 ta' Ġunju 2018, l-attur xehed li għalkemm ħa l-*promotion* tiegħu fis-27 ta' Settembru 2013, din ġiet *backdated* għall-1 ta' Lulju 2010, fejn hu ħa wkoll l-arretrati tal-paga tiegħu. Dan il-*backdating* kien sar wara li l-istess attur tella' l-każ tiegħu quddiem il-Bord tal-Inġustizzji iżda dan il-Bord ma setgħax jagħti deċiżjoni dwar il-*promotion* qabel l-1 ta' Lulju 2010 għax huwa każ *sub judice*.

Il-Maġġur Pierre Vassallo xehed nhar l-20 ta' Ottubru 2010 fejn spjega li l-ewwel darba li sar jaf li mhux ser jieħu *promotion* minħabba li ma kienx *security cleared* kien fiċ-ċerimonja tat-*taking over* tal-*Landrovers* ġodda tal-armata. Din l-informazzjoni kien qalu biha n-Nutar Tony Abela u dakinhar stess mar għand il-kmandant isaqsieh u talbu kollox bil-miktub. Kompla jixhed li suppost il-*promotions* isiru skond il-*career's handbook*, iżda ma hux dejjem il-każ fl-opinjoni tiegħu, liema *career's handbook* kien jingħata lil kull fizjal u kien jiffirma għalih. Qal li skond il-*career's handbook* biex tieħu *promotion* trid tagħmel xi eżamijiet skond il-grad u dan beda fis-seħħ mil-1998. Ix-xhud spjega li l-attur dejjem ħadem b'mod effiċjenti u dedikat lejn il-Forzi Armati, kif ukoll qatt ma kellu *complaints* fuq l-istess attur. Kompla jispjega li jekk kien hemm xi problemi fuq *security clearance*, hu ma kienx ikun a konnoxenza tagħha peress li tali proċedura hija ġestita mill-*headquarters* tal-Forzi Armati u hu ma jafx il-proċess f'hiex jikkonsisti, stante li s-*security clearance* mhux imniżżla fil-*career's handbook*, pero' jekk ma tingħatax il-*promotion* ma ssirx. Spjega li meta kien hemm *vacancy* u applikaw kienu eliġibbli l-Maġġuri kollha, u l-*promotion* kienu ħaduha Ian Ruġġier, Mario Borg u Martin Sammut li kollha kienu *juniors* tiegħu. Kompla jgħid li biex minn Maġġur tilħaq *Lieutenant Colonel* irid ikollok tal-inqas sentejn esperjenza *in command*, u qal ukoll li filwaqt li Ian Ruġġier u Mario Borg kellhom sentejn esperjenza, ma kienx jafx jekk Martin Sammut kellux dik l-esperjenza. Żied li skond il-*career's handbook* irid ikollok tliet *recommendations* u li kull sena kien isir *confidential report* fuq il-fizjal li kien jiġi ffirmat mil-fizjal stess.

Spjega li hu ma kienx ħa *promotion* għax ma ġiex *security cleared*, iżda meta talab għal bosta drabi sodisfazzjon, hu qatt ma ngħata u għalhekk fetaħ kawża kostituzzjonali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għaliex ma ġiex mogħti ċans jiddefendi ismu. Mistoqsi kemm kien ilu taħt il-Maġġur Terribile, huwa ma setgħax jagħti żmien u meta mistoqsi dwar xi tfisser effiċjenza, ix-xhud qal li din tiġi riflessa fil-*confidential report* ta' kull sena, u li fil-*career's handbook* kull fizjal għandu spjegat il-proċess tal-avvanz fil-karriera tiegħu. Skond ix-xhud, il-*career's handbook* huwa ktieb uffiċjali tal-armata, huwa liġi tal-armata, skond l-att tal-armata fejn *promotion* għandha tingħata a bażi ta' *efficiency, seniority and vacancy*. Tenna jgħid li hu sar jaf bil-proċess tas-*security clearance* wara li l-*commander* qallu li ma jistax jieħu *promotion* oħra fl-armata għax ma ġiex *security cleared*. Saħaq li qatt ma kien jaf bil-proċess u ma jafx jekk il-Maġġuri l-oħra ġewx *security cleared* jew le.

Fl-20 ta' Ottubru 2010 xehed il-Kurunell Mario Schembri, *staff officer* bejn 1998 u 2006, inkarigat mill-*personnel* tal-Forzi Armati, u serva taħt il-Brigadier Montanaro u Brigadier Vassallo. Spjega li l-*promotions* tal-fizjali hija regolata mil-liġi. Għal dan il-għan kienu jsiru *confidential reports* ta' kull sena sabiex dan il-proċess isir. Qal li wieħed ikun jaf l-effiċjenza tiegħu skond ir-rapporti, u *seniority* ikun jafha ukoll għax tiġi ppublikata *seniority list* kull sena. Tenna li l-ammont ta' *vacancies* huwa pubbliku ukoll għax ikun ġie stabbilit fil-*promotion excercise*. Spjega li s-*security clearance* ġie ntrodott b'mod sigriet fl-2006 permezz ta' memorandum mill-OPM. Qal li ħadd ma jkun jaf l-eżitu tas-*security clearance* u jekk ma tkunx *cleared* jgħidulek biss li ma tistax tieħu *promotion* u mhux għalfejn ma ġejtx *security cleared*. Spjega li l-memorandum li bih daħlet is-*security clearance* kien iffirmat mis-Segretarju Parlamentari n-Nutar Tony Abela u l-ewwel darba li ssemmiet *security clearance* kienet meta Malta kienet qed tipprepara għal sħubija fl-Unjoni Ewropeja.

Kurunell Mario Schembri tenna jgħid li hu wkoll ma ġiex *security cleared* u ma jafx għalfejn filwaqt li kompla li l-Maġġur Claudio Terribile kien *senior* ta' Ian Ruġġier u Mario Borg, u l-istess Mario Borg kien tilef *seniority* matul iż-żmien bħala azzjoni dixxiplinari. Ix-xhud spjega d-diversi *promotions* li ngħataw matul iż-żmien u tenna jgħid kif dejjem l-attur kellu iktar *seniority* minn Ian Ruġġier u Mario Borg, iżda minkejja dan, dawn qabżu anke lilu fil-*promotions* u saru ċertu *promotions* mhux skond il-*career's handbook*. Xehed li Claudio Terribile ġie appuntat *commanding support officer* b'effett mit-12 ta'Awissu 1996 u li mill-15 ta' Jannar 1997 ġie appuntat *officer commading troop AFM training and Gozo operational troop* u kien għadu b'dik ir-responsabilita' sal-ġurnata tal-llum, liema *rank* jagħmel lill-Maġġur Terribile eliġibbli għal *promotion* għall-*Lieutenant Colonel*.

Meta mistoqsi dwar Martin Sammut, ix-xhud saħaq li sa kemm ħadem miegħu, ix-xogħol li kien jagħmel ma kienx jagħmlu eliġibbli għall-*promotion*, kif ukoll meta ra d-dokumenti preżentati lilu, qal li mill-esperjenza li kien għamel Martin Sammut ma kienx eliġibbli għal *promotion* fl-2007. Xehed ukoll li r-*recommendation* ta' Mario Borg u Martin Sammut, fil-*confidential reports* tagħhom, kienu *not yet recommended*, jiġifieri ma kienx jagħmilhom eliġibbli għal *promotion*. Huwa kompla jispjega kif jinħarġu n-numru ta' *vacancies*, u qal li dawn skond formola stabbilita li permezz tal-*establishment*, iżda qal ukoll fl-armata mhux dejjem sar hekk għal raġunijiet li jkun jafhom biss il-*commander*, u l-proċess ikun li l-ewwel jinħarġu n-numri mil-*establishment* u wara jinħarġu l-*vacanices* li jingħaddew lill-*units*. Iżda fl-2007 il-*promotions* ingħataw qabel l-*establishment*, u f'dan il-każ partikolari l-*establishment* kien ikalkola 2 promozjonijiet għal kurunell, u dik is-sena kienu inħarġu 6 promozjonijiet. Temm ix-xhieda billi spjega l-progress tal-karriera tiegħu fl-armata fejn qal li biex laħaq *staff officer*, għamel

madwar 10 snin esperjenza, u sostna li *staff officer* huwa hemm biex jgħin lill-kmandant fit-tmexxija tal-armata filwaqt li kompla jgħid li fejn tidħol effiċjenza hemm element qawwi ta' soġġettivita u li din għandha toħroġ mil-*confidential reports* però dejjem tibqa' suġġettiva.

Xehed il-Brigadier Carmel Vassallo nhar il-25 ta' Marzu 2011 fejn spjega li huwa kien involut fil-promozzjonijiet li ngħataw skond il-gazzetta tal-gvern datata 6 ta' Novembru 2007 kif ukoll f'dik datata 17 t'Ottubru 2006, u kien hu li rrakkomanda lista t'ismijiet lill-Uffiċju tal-Prim Ministru. Il- Brigadier Carmel Vassallo spjega li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu isiru a bażi ta' post vakanti jew ħtieġa, kif ukoll saru diversi diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari Nutar Tony Abela responsabbli mil-armata. Ix-xhud tenna jgħid li skond il-liġi hu jara is-*seniority, efficiency* u post vakanti meta jkun qed jagħmel rakkomandazzjonijiet, kif ukoll jara l-kwalifiki li wieħed ikollu relatat mal-post vakant. Qal li l-*career's handbook* jagħti linji gwida ta' kif iridu jingħataw promozzjonijiet, iżda xi kultant isiru eċċezzjonijiet a bażi ta' servizz li wieħed ikun ipprovda lill-armata kif ukoll a bażi ta' kwalifika. Kompla jgħid li f'pożizzjonijiet għoljin huwa ferm importanti il-kwalifika, iżda wkoll piż kien jingħata għal fatt kemm il-fizjal kienx ingħata ċans jikkwalifika ruħu. Sostna l-punt li fl-ogħla pożizzjonijiet il-promozzjonijiet huma *by selection* u mhux awtomatiċi. Xehed li fl-2007 fuq ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari Nutar Tony Abela kienet iddaħlet *security clearance up to top secret* għal promozzjonijiet minn Maġġur għal *Lieutenant Colonel*, fejn hu stqarr ukoll li ma kienetx xi ħaġa ġdida iżda issa kienet saret proċedura formali bil-miktub u għall-kuntrarju tas-*security clearance* għal laqgħat jew *postings* Ewropej, f'dan is-*security clearance* l-individwu ma jkunx jaf li qed isir dan l-eżerċizzju fuqu. Tenna li Claudio Terribile kien ġie *security cleared* u min ma kienx *security cleared* kien sar jaf wara, pero' saħaq ukoll li dan l-eżerċizzju kien estern għall-armata. Huwa saħaq li l-effiċjenza kien jevalwaha mil-*confidential reports*, u meta kien jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kien jieħu kollox fil-perspettiva tiegħu bħal effiċjenza, anzjanita' u post vakant skond il-kwailfiki.

Ix-xhud qal li hu assuma li l-proċess tas-*security clearance* kien biex Malta tiġi *in line* mal-Unjoni Ewropeja, imma saħaq li l-proċess kien differenti, u għalhekk sostna li hu ried li l-fizjali tal-armata lesti għal *promotion* ikunu *security cleared* u ma ried li ħadd jirrifjuta dan l-eżerċizzju fuqu għax kieku hu ma kienx ikun komdu jirrakomandah. Tenna li fil-fehma tiegħu Claudio Terribile, fost il-kandidati eliġibbli għall-promozzjoni fi żmien konċernat, Claudio Terribile kien għad fadallu żmien biex jimmatura u jkun preparat għall-livell li jmiss.

Il-Brigadier Carmel Vassallo kompla jixhed nhar is-16 ta' Mejju 2012 fejn spjega li fis-sajf tal-2007 li hu kien ingħata dokument mil-Uffiċju tal-Prim Ministru rigward *security clearance* għall-grad ta' Logotenent Kurunell, liema prassi qabel kienet tintuża biss għal persuni li kienu ser jingħataw pożizzjoni fi Brussel, jew inkella persuni li kien ser ikollhom laqgħat partikolari fi Brussel, jew inkella persuni li kien ser ikollhom aċċess għal dokumenti klassifikati tal-Unjoni Ewropeja. Ix-xhud tenna jgħid li hu ma jafx kif isir il-proċess tas-*security clearance* għax huwa estern għall-armata, u hu kull ma kien jagħmel kien jibgħat lista ta' persuni lill-Uffiċju tal-Prim Ministru biex jinbeda l-proċess. Saħaq li s-*security clearance* għall-*promotion* kienet differenti minn dik biex tara dokumenti kklasifikati tal-Unjoni Ewropeja, għax din tal-aħħar kienet tinvolvi *test*. Kompla li minn naħa tiegħu kull ma għamel kien li bagħat lista ta' persuni lill-Uffiċju tal-Prim Ministru u mill-istess Uffiċju rċieva li tnejn ma ġewx *security cleared* bejn wieħed u ieħor 6 jew 8 ġimgħat wara u ċioe Logotenent Kurunell Mario Schembri u Maġġur Pierre Vassallo, li sussegwentament fetħu proċeduri l-Qorti. Xehed li hu ma jafx jekk din tas-*security clearance* saritx b'referenza għal xi deċeżjoni tal-Kunsill Ewropew, u ma jiftakarx li

kien hemm xi referenza fuq il-fatt. Żied jgħid li hu jista' jkun żbaljat dwar is-sena meta ħarġet id-direzzjoni mil-Uffiċju tal-Prim Ministru, peress li l-każ ta' *promotion* ta' Pierre Vassallo kienet fuq *promotion* tal-2006.

Qal li l-ewwel darba li saret din tas-*security clearance* fuq il-Maġġuri kollha, hu kien ħa d-deċiżjoni bħala kmandant biex jibgħat l-ismijiet kollha lill-Uffiċju tal-Prim Ministru, u evita li jsaqsihom individwalment peress li ma riedx li xi ħadd jirrifjuta milli jiġi *security screened*. Kompla jisħaq li hu ma jafx il-kriterji tas-*security clearance* u meta laħaq hu kmandant tal-armata ried jagħmel xi tibdiliet sabiex uffiċjali jieħdu esperjenza f'dipartimenti oħra, u di fatti l-attur kien inbagħat Malta wara li għal ħafna snin għamel l-istess xogħol f'Għawdex, iżda ma damx aktar minn tliet xhur. Spjega li peress li dan it-trasferiment kien wieħed qasir l-attur ma laħaqx l-effett li xtaq hu biex jagħti esperjenza usa lill-Maġġur Claudio Terribile, b'dan tal-aħħar dejjem ħadem tajjeb pero' l-esperjenza f'Għawdex hija waħda limitata ħafna kumparat ma' li setgħa jkollu f'Malta.

Kompla jixhed nhar it-13 ta' Ġunju 2014 fejn spjega li fil-każ tal-*promotion* ta' Mario Borg, hu ma kienx niżżel isem Mario Borg fuq il-lista ta' min kien *recommended*, iżda isem Mario Borg ġie miżjud mil-Uffiċju tal-Prim Ministru fuq nota tan-Nutar Tony Abela. Saħaq li hu kien argumenta sew dwar il-*promotion* ta' Mario Borg imma qal ġie *over ruled* filwaqt li b'referenza għal-każ tal-Maġġur Claudio Terribile, meta laħaq kmandant hu, kien ġab lill-attur f'Malta peress li dan ħadem dejjem Qortin *base*, iżda wara ftit xhur bagħtu lura Għawdex fuq pressjoni mil-Uffiċju tal-Prim Ministru. Madanakollu qal ukoll li ma kienx hemm xi passi dixxiplinari tul il-karriera tiegħu. Il-Brigadier xehed li fil-każ ta' Mario Borg hu kien poġġieh jieħu ħsieb l-*Occupational Health and Safety* u kif imbagħad sar *Lieutentant Colonel* kienet saret rakkomandazzjoni biex issir sezzjoni tal-*Occupational Health and Safety,* liema sezzjoni ma saritx sa kemm irtira hu. Ix-xhud qal ukoll li Mario Borg kellu *rank* ogħla minn Claudio Terribile, għalkemm jidhirlu li bħala *seniority,* Terribile kien *senior* ta' Borg. Rigward il-*promotion* ta' Martin Sammut, ix-xhud tenna li fil-fehma tiegħu kienet waħda mistħoqqa u anke kellu l-esperjenza meħtieġa u meta mistoqsi dwar minn kellu l-aktar esperjenza fi kmand bejn Claudio Terribile u Ian Ruġġier, il-Brigadier Carmel Vassallo qal li Claudio Terribile kellu iktar żmien però wieħed irid jara r-responsabilita' fdata lilhom.

Spjega li hu bagħat il-lista ta' nies rakkomandati għall-*promotion* wara li kien ħareġ l-*establishment* tal-2006, bl-*establishment* tinbidel għal raġunijiet kif titmexxa l-armata u mhux biex jingħataw *promotions* bl-addoċċ, kif ukoll kienu saru ċertu tibdiliet li kienu qed joħolqu *vacancies*, bħal irtirar mir-*rank* ta' 55 sena. Ix-xhud kompla jgħid li kien hemm bidla mmexxija mil-Uffiċju tal-Prim Ministru fejn saret talba għal 6 kurunelli mhux 3 kif kien talab hu, u dan għaliex it-tmexxija riedet li jinħoloq Uffiċju tad-Difiża fl-Uffiċju tal-Prim Ministru. Ix-xhud rrepeta l-fatt li hu kien ried li Claudio Terribile jinżel jagħmel xogħol Malta biex jagħmel xogħol ta' responsabilita' akbar, iżda kellu jerġa' jibgħatu lura Għawdex wara pressjoni mil-Uffiċju tal-Prim Ministru u temm ix-xhieda tiegħu billi qal li hu fl-opinjoni tiegħu kull Maġġur li ried il-pożizzjoni ta' *Lieutenant Colonel* kellu jkollu ċertu *security clearance*.

Nhar is-17 ta' Ottubru 2012 xehed Records Officer mal-Forzi Armati ta' Malta, Carmel Merċieca li xogħolu jikkonsisti billi jifformola il-*confidential reports* ta' kull fizjal, liema dokumenti sussegwentament imorru għand is-superjuri tal-fizjal biex jiġu kkompilati, u dan wara jibqa' sejjer *Personnel and Administration* fejn hemmhekk jibqa' għal madwar sentejn. Ix-xhud qal li wara dak iż-żmien, il-*confidential report* jerġa' jmur r-*Records Office* sabiex jinżamm

fil-*personal records* u stqarr li bħala uffiċju huma ma jidħlux fil-*promotions* stante li jieħdu ħsiebhom *Personnel and Administration* taħt ir-responsabilita' ta' Kurunell Martin Bondin. Saħaq li fil-*promotions* l-*establishment* tal-armata juri in-numru ta' *vacancies* u dan in-numru il-*Head Office* jgħadduh kemm lill-*units* konċernati kif ukoll lil *Records Office* minħabba statistika. Spjega li l-*establishment* juri r-*ranks* kif ukoll in-numri fl-armata, filwaqt li *Desigantion Command* juri l-varji *units* u spjega li *career's handbook* jistipula kif jista' fizjal jipprogressa fl-armata.

Nhar il-31 ta' Mejju 2013 xehed in-Nutar Anthony Abela fejn spejga li huwa kien Segretarju Parlamentari fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru bejn id-9 t'April 2004 u l-elezzjoni tal-2008 u kien responsabbli mil-armata sabiex jara l-andament tal-armata. Xehed li fejn jidħlu *promotions* il-kmandant tal-armata kien jieħu ħsieb jiproponiehom Kastilja iżda hu ma kienx jidħol f'min għandu jieħu *promotion* jew le, għalkemm l-unika ħaġa li kien ippropona kienet li l-*promotions* isiru darba fis-sena u mhux darba kull tliet jew ħames snin. Ix-xhud qal li hu kien jieħu direzzjoni mis-Segretarjat tal-Uffiċju tal-Prim Ministru fejn fost in-nies involuti semma lil Dr. Godwin Grima u Edgar Galea Curmi.

Żied jgħid li fi żmienu kienu ngħataw darbtejn *promotions* mhux bħal qabel fejn il-*promotions* kienu iżjed rari, u skond il-*career's handbook*. Tenna li hu kien jikkomunika mal-Brigadier u l-*memo* li kien ħareġ ma kinitx responsabilita' tiegħu kif tiġi kkomunikata, u l-istess *memo* kienet saret diskussjoni b'referenza għall-aġġornar tal-*handbook*. Qal li fil-fehma tiegħu l-*promotions* kienu jingħataw skond il-*policies* maqbula, fosthom is-*security clearance* li kienet tkun deċiża mill-*permanent secretary* kif ukoll mil-istrutturi tas-sigurta' tal-pajjiż. Xehed li l-allegazzjoni li l-*promotions* ma sarux skond il-*career's handbook* ma kienx jaf biha filwaqt li żied li ma kellu l-ebda rwol fil-*press release* maħruġa minn Josephine Vassallo, fejn qal ukoll li ħafna drabi hu kien jirċievi struzzjonijiet mill-Uffiċju tal-Prim Ministru. Qal li lanqas ma kien jaf jekk Ian Ruġġier, Mario Borg u Martin Sammut kienux qatt avviċinawh dwar il-*promotions* tagħhom, u saħaq li hu qatt ma kien jidħol fil-mertu ta' min għandu jieħu *promotions* għax dik kienet prerogattiva tal-kmandant, iżda qal ukoll jekk xi ħadd kien ikellmu hu kien isemmi ismu lill-kmandant iżda xorta deċiżjoni finali kienet tal-kmandant. B'referenza għad-dokument dwar *vacancies* ġodda fl-armata, spjega li kien ġie awtorizzat mil-Prim Ministru, liema *promotions* ġew approvati mil-Prim Ministru fis-6 ta' Novembru 2007. Rigward xi *complaints* dwar il-*promotions* Nutar Dottor Tony Abela ma jiftakarx jekk kellux, biss qal kieku kellu hu kien jirreferihom lill-kmandant.

Xehed Mark Mallia permezz ta' affidavit fejn spjega li Claudio Terribile ġie promoss għall-grad ta' Logotenent Kurunell b'effett mis-27 ta' Settembru 2013. Spjega li fl-20 ta' Mejju 2013 ġiet riveduta u pubblikata l-policy dwar il-proċess ta' promozzjoni mir-rank ta' Maġġur għal dak ta' Logotenent Kurunell u li ffaċilitat l-promozzjoni tal-attur li fil-każ partikolari tiegħu kien serva l-maġġor parti tal-karriera tiegħu ġewwa Għawdex. L-attur ġie evalwat skont il-kriterji ta' din il-policy aħħarija u ġie promoss.

Xehed Edgar Galea Curmi nhar it-18 ta' Marzu 2016 li fiż-żmien kien il-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u spjega li l-*memorandum* dwar il-*promotions* oriġinat mingħand in-Nutar Tony Abela indirizzata lill-Prim Ministru u hu kien ikkupjat fil-komunikazzjoni. Qal li fejn jidħlu *policies* dwar *promotions* dawn huma regolati skond il-*career's handbook* u li s-*seniority* ma kienetx tieħu post u/jew ta' iktar importanza mit-taħriġ fejn jidħlu

*promotions*. Rigward dokument *Lieutenant Colonel Promotion Excercise,* xehed li dokument simili ikun ippreparat mil-Armata, ikklassifikat mil-Armata u approvat mil-Ministeru responsabbli għall-Armata u rigward il-*promotion* ta' Mario Borg bħala responsabbli mill-*Health and Safety*, ix-xhud qal li dik kienet deċiżjoni ta' *policy* min-naħa tas-Segretarju Parlamentari Nutar Tony Abela, fejn sostna li bħala Ministeru kienu qed jaraw l-importanza ta' dan is-sezzjoni iżda għall-Brigadier Vassallo din ma kienetx prijorita' sa kemm kien hemm il-każ tal-*Gunner* Matthew Psaila. Tenna li l-Maġġur Mario Borg kien ingħata din il-*promotion* biex ikollu r-responsabilita' iwaqqaf din is-sezzjoni fl-armata u fir-rigward ta' Claudio Terribile kellu ħafna pressjoni politika mingħand politiċi Għawdxin, fosthom il-Ministru Giovanna Debono kif ukoll Simon Busuttil, biex l-istess Terribile jingħata *promotion*, iżda meta ċċekkja dwaru mal-Brigadier Vassallo dan tal-aħħar kien infurmah li Claudio Terribile moħħu f'Għawdex fejn ix-xogħol kien wieħed ta' inqas responsabilita'. Saħaq li l-attur irrifjuta bosta *deployments* biex dejjem jibqa' Għawdex, u dan wara l-istess intervent tiegħu stess mal-Brigadier Xuereb. Temm ix-xhieda tiegħu fejn qal ir-responsabilita' dwar il-*promotions* tibqa' mal-Brigadier.

Xehed il-Kurunell Raphael Farrugia permezz ta' affidavit fejn spjega brevement il-karriera tiegħu fl-armata. Spjega li fil-*confidential reports* tas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006 tal-Maġġur Claudio Terribile huwa kien il-*first reporting officer*. Spjega li dawn ir-rapporti kellhom jimtlew minnu kull sena u l-iskop tagħhom huwa bħala *performance appraisal* kemm biex l-individwu jkun jaf x' għandu jtejjeb u kif ukoll għall-fini ta' promozzjonijiet. Spjega li wara li kien jaqra r-rapport tiegħu lil Maġġur Terribile, dan kien jinizjalah u jiffirmah. Kien hemm il-fakolta' li jekk ma jaqbilx mar-rapport jagħmel ilment u spjega li sa fejn jiftakar hu, ma sarux ilmenti għall-*annual confidential reports*.

Spjega li f' dawn ir-rapporti, huwa kien jirrimakra li l-Maġġur Terribile kellu potenzjal tajjeb u kien fizjal validu iżda kellu bżonn kariga f' Malta fejn jerfa' iktar responsabbilitajiet. Dan għaliex f' Għawdex huwa kien ikun responsabbli għal madwar 30 ruħ u b' kollox li wħud minnhom kienu jkunu mqassmin fuq *shifts*. Maġġuri oħrajn f' Malta kienu jkunu responsabbli għal madwar 120 ruħ li mqassmin f' *shifts* kienu jiġu għal madwar 30 f' kull *shift*. Spjega li huwa kien iħoss li għal Maġġur din kienet responsabbilita' baxxa. Kien għalhekk li għad-domanda *' do you consider he is fit for promotion to the next substative rank?* Huwa wieġeb *'not yet'*. Spjega wkoll li s-*seniority* mhix l-unika kriterju biex wieħed jiġi promoss.

In kontro eżami, il-Kurunell Raphael Farrugia spjega li parti mix-xogħol tiegħu kien li jagħmel *confidential reports* tal-fizjali li jaqgħu taħtu, fosthom dik stazzjonata Għawdex u li dawn il-*confidential reports* imorru għand il-Brigadier li jista' jaċċetta o meno l-istess rapport. Stqarr li fil-*confidential report* ta' Claudio Terribile huwa kien kiteb "*not yet*" peress li Għawdex ma kellux l-istess *bulk* tax-xogħol bħal postijiet oħra u għandu relattivament inqas nies minn kumpaniji oħrajn. Spjega li f' Għawdex kien hemm madwar 30 suldat filwaqt kumpaniji oħrajn kellhom madwar 120. Qal li kemm l-attur kif ukoll Ian Ruġġier kienu fir-*rank* ta' Maġġur, però Ian Ruġġier kellu ħafna iktar nies taħtu u tenna jgħid li meta għamel il-*confidential reports* ma kienx jaf li hemm *promotions* għal dik is-sena, iżda dan ir-rapport sar peress li dak kien dmir tiegħu ta' kull sena.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti talab li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex il-pożizzjoni tar-rikorrent ma tkunx preġudikata stante li jinsab il-biża' jkun hemm diffikultajiet

fuq il-post tax-xogħol waqt dawn il-proċeduri. Din l-ewwel talba semmai hija sorvolata peress li semmai l-attur kellu jressaq provi dwarha u jitlob fil-mori tas-smigħ ta' din il-proċedura li jingħataw xi ordnijiet semmai sakemm jkunu għaddejjin dawn il-proċeduri. Provi dwar din l-ewwel talba u ċioe' dwar l-allegata biża' li kellu li jkollu diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol waqt l-andament ta' din il-kawża baqgħu qatt ma tressqu u agħar minn hekk lanqas qatt ma saret xi tip ta' talba f' dan ir-rigward waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Għalhekk, din l-ewwel talba hija llum eżawrita u din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-attur talab li jiġi dikjarat li d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti hija abużiva, illegali, diskriminatorja fil-konfront tiegħu u kif ukoll ultra vires. Talab ukoll li l-imsemmija deċiżjoni tal-konvenuti tiġi dikjarata nulla, invalida u mingħajr effett.

Da parti tagħhom, l-intimati resqu varji eċċezzjonijiet. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li għadhom ma ġewx deċiżi.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra tqis it-tielet eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti u tagħmel referenza għal dak li ġie deċiż fil-kawża mogħtija mill-Prim' Awla fis-17 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali fejn ġie spjegat:

> *"L-intimati eccepew ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrent hija insostenibbli peress illi ma jezisti l-ebda dritt li wiehed jinghata promozzjoni.*
>
> *Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim'Ministru (PA 30/01/2020) fejn fir-rigward ta' eccezzjoni ta' din ix-xorta gie deciz illi*
>
> *Illi l-Qorti tqis li din l-eccezzjoni mhix sostenibbli billi l-jedd li wiehed jistenna li jimxi 'l quddiem fil-karriera li jkun ghazel ma jistax jigi eskluz a priori. Fost l-ohrajn, impjegat (ukoll jekk ikun membru f'xi forza dixxiplinari) jista' jkollu jedd ghall-promozzjoni li jitwieled mill-kuntratt li jistipula l-kundizzjonijiet talingagg li jkollu. Minbarra dan, hemm bahar jaqsam bejn meta persuna tippretendi li ghandha tinghata promozzjoni, u meta persuna tistenna li l-process tal-ghazla f'ezercizzju ta' promozzjoni jsir kif imiss: dan tal-ahhar huwa jedd li l-ebda kuntratt ma jista' jnehhi."*
>
> *Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament, u zzid illi galadarba l-process ta' promozzjonijiet huwa rregolat bil-ligi, u senjatament ir-regolament numru 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent m'ghandux dritt ghall-promozzjoni, l-intimati xorta wahda ghandhom obbligu legali illi jsegwu d-dettami tal-ligi fid-decizjonijiet taghhom rigward promozzjonijiet ta' membri tal-forzi armati.*
>
> *Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni hija nfondata u qed tigi michuda."*

Din il-Qorti taqbel ma' din l-argumentazzjoni u qegħda tadottaha b'dana li qed tagħmel tagħha filwaqt li tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qieset ukoll l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-kjamat fil-kawża fis-sens li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u dan stante li fattwalment ma seta' jkollu ebda rwol fl-azzjoni mertu tal-kawża odjerna. Ġie rilevat illi fil-perijodu tal-promozzjonijiet in kwistjoni, il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ma kienx jeżisti u l-armata kienet taqa' taħt il-mansjoni tal-Prim Ministru liema Ministeru huwa diga' intimat f'din il-kawża. Għaldaqstant ġie eċċepiet li l-kjamat fil-kawża m'huwiex il-leġittimu kontradittur sabiex iwieġeb għall-ilment tar-rikorrenti u għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Din il-Qorti tqis li in vista tat-tieni u tat-tielet talba tal-attur, ġialadarba llum il-ġurnata huwa propju dan il-Ministeru li taħtu jaqgħu tali kwistjonijiet ta' promozzjonijiet o meno, l-istess Ministru huwa leġittimu kontradittur f' dawn il-proċeduri. Per konsegwenza, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Dwar it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-kjamat fil-kawża, u ċioe' n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawża odjerna, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tas-17 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali fejn intqal:

> *'L-intimati eccepew illi l-promozzjonijiet li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent huwa atti ta' organizazzjoni jew aministrazzjoni nterna u ghaldaqstant m'humiex sindikabbli minn din il-Qorti.*
>
> *Rigward din l-eskluzjoni intqal illi l-legislatur Malti kien gie ispirat mill-ligi amministrattiva Franciza, li wkoll tipprekludi l-istharrig gudizzjarju ta' 'mesures d'ordre interieur administratives' u ghalhekk issir referenza ghal dak li jinghad millawturi L. Neville Brown u John S. Bell fil-ktieb taghhom French Administrative law (eg. 1993, pg. 154 – 155):*
>
> *The French draw a distinction between actes administratifs and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic 'house-rules' are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (mesures d'ordre interieur administratives) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an acte administratif within the cognizance of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such 'measures', and to be an acte administratif open to judicial review).*
>
> *B'referenza wkoll ghall-insenjament tal-awturi Francizi fuq din il-materja, intqal*

*Illi skont awtur Franciz [b'referenza ghal Ramu de Bellescize, Droit Administrativ General], "les mesures d'ordre interieur sont des decisions unilaterales emanant d'une autorite administrative. Elles ne sont susceptibles d'aucun recours et leur domaine va en se restrignant." L-awtur ikompli jghid li dawn l-atti jgawdu immunita' gurisdizzjonali ghal zewg ragunijiet:*

*(1) huma unikament ta' ordni nterna. Ordni li ma tistax tkun effikaci jekk tkun issindakata mill-Qorti, u li kieku kien hekk, tigi mminata l-awtorita' gerarkika u*

*(2) l-importanza minima taghhom. Huma ma jbiddlux il-qaghda guridika ta' dawk li jigu effettwati minnhom. Il-Qorti m'ghandhiex toqghod tinhela fuq il-ftietaq.*

*Ghalkemm il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' dak li jammonta ghal att ta' organizazzjoni jew aministrazzjoni nterna, skont il-gurisprudenza tal-qrati Maltin din it-terminologija … tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita.*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Camilleri vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati (PA 26/10/2010) fejn intqal:*

*Illi fid-duttrina dawn l-atti maghmula bil-ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwiehhom ghal dawk il-mizuri mehuda biex l-istess awtorita' izzomm certa ordni fit-tmexxija taghha ta' kuljum. B'dan li fejn tali mizura tilhaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbaghad dik il-mizura tidhol fit-territorju ta' ghamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistghu jinqdew bis-setgha taghhom li jistharrgu.*

*Kif intqal fis-sentenza Denis Tanti vs Prim Ministru et (App 16/11/2004):*

*Huwa veru wkoll li l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku hija haga illi fis-sistema kostituzzjonali taghna taqa' fil-kompetenza tar-ram Ezekuttiv talGvern u mhux fil-kompetenza tal-Qrati; pero`, min-naha l-ohra, l-Qrati ghandhom il-gurisdizzjoni u d-dover li jaraw li l-organi kollha fl-Istat josservaw id-dettami tal-ligi.*

*Il-Qorti rat illi hemm gurisprudenza kostanti skont liema il-promozzjoni ta' impjegati ta' awtorita pubblika jew governattiva, inkluz fil-forzi armati, ma tammontax ghal semplici att ta' amministrazzjoni jew organizazzjoni nterna.*

*Fis-sentenza Nikol Borg vs vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, citata aktar -il fuq, inghad illi*

*… wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ghall-finijiet li jmorru lill hinn minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, ghaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qieghed jimmira li jikseb jekk jinghata gharfien retrospettiv ghall-Iskala Ii jippretendi li ma nghatatlux f'waqtha*

*Il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat din id-decizjoni billi qalet hekk:*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti d-deċiżjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jingħatax il-promozzjoni b'effett immedjat ma hijiex miżura intiża għal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jgħid l-appellat fir-risposta ta' l-appell tiegħu (fol. 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera tagħha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil dik il-persuna, u ma tikkoncernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre laspetti finanzjarji ta' għoti ta' promozzjoni jew nuqqas ta' tali għotja huma ta' certa importanza għall-uffiċjal pubbliku koncernat, u tali aspetti certament ma jisthoqqilhomx li jigu ekwiparati ma' dawk ta' miżura merament ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna.*

*A bazi ta' din il-linja ta' hsieb, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Maggur Claudio Terribile AFM vs Prim Ministru et (4/11/2009) kienet ukoll iddecidiet illi l-promozzjoni o meno ta' membru tal-korp tal-Forzi Armati ta' Malta ma tistghax titqies bhala att ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna.*

*Fuq vena simili, u fir-rigward ta' promozzjonijiet fi hdan il-Forzi Armata ta' Malta, fissentenza Raymond Camilleri vs Il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati (PA 26/10/2010) gie deciz illi*

*… it-tehid minn awtorita' pubblika ta' decizjoni jew rifjut minnha ghal xi talba maghmula lilha minn persuna, jmorru lil hinn minn semplici ezercizzju ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Fi kliem iehor, jixraq li wiehed jaghraf id-differenza bejn l-ghazla ta' awtorita' pubblika li ssejjah applikazzjonijiet (imqar jekk fi hdan l-istess awtorita') ghall-mili ta' karigi jew promozzjonijiet, u l-mod kif jitwettaq dak l-ezercizzju. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu jkun car li r-rimedju tal-istharrig gudizzjarju skond l-artikolu 469A m'huwiex moghti fil-kaz tal-ewwel, imma huwa moghti u xieraq fil-kaz tat-tieni: il-Qorti ma tindahal bl-ebda mod jekk l-FAM imisshiex taghmel sejha jew ezercizzju ta' promozzjonijiet, izda l-Qorti ma tistax ma tqisx ilment dwar kif ikun twettaq dak il-process ta' ghazla, jekk kemm-il darba jkunu jezistu xi wahda mir-ragunijiet mahsuba fl-artikolu 469A(1) tal-Kap 12.*
*[…]*
*Illi fid-duttrina dawn l-atti maghmula bil-ghan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi hdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwiehhom ghal dawk il-mizuri mehuda biex l-istess awtorita' izzomm certa ordni fittmexxija taghha ta' kuljum. B'dan li fejn tali mizura tilhaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbaghad dik il-mizura tidhol fit-territorju ta' ghamil amministrattiv li dwaru l-Qrati jistghu jinqdew bis-setgha taghhom li jistharrgu.*

*Interessanti wkoll ir-ragunament ta' din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet Alan Joseph Fiott vs Id-Direttur Generali, Servizzi Edukattivi fi hdan ilMinisteru ghall-Edukazzjoni u Xoghol (PA 26/02/2019) fejn gie li "…billi mill-mod kif inhi versata l-ligi, mhux bizzejjed li att ikun oggettivament wiehed ta' amministrazzjoni nterna (bhalma bla dubbju huwa transfer) imma biex jattira l-insindakabilita` tal-Qrati, jinhtieg li l-ghan tal-att ikun ukoll tali: "xi haga li ssir bl-ghan ta'" (fit-test Ingliz: "intended for")" u li ghalhekk m'huwiex dejjem il-kaz illi att li prima facie jkun ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna ikun awtomatikament insindikabbli. Dan ghaliex dak li jrid jirrizulta huwa li l-iskop innfisu tal-mizura kien proprju ir-retta amministrazzjoni pubblika. Dan intqal b'referenza ghas-sentenza flismijiet Denis Tanti vs Prim Ministru et, citata aktar -il fuq, fejn gie deciz*

*illi … fis-sistema kostituzzjonali taghna Kap ta' Dipartiment ma ghandux diskrezzjoni illimitata sabiex jiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz u l-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex dawn jigu sodisfatti, fis-sens li ma jistax juza din id-diskrezzjoni b'mod abuziv u illegali. Kieku kien mod iehor ikun ifisser li Kap ta' Dipartiment isir entita` 'l fuq mil-ligi – sitwazzjoni li mhix accettabbli fis-sistema kostituzzjonali taghna mibnija fuq il-principju tar-Rule of Law. Konsegwentement, il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jissindakaw jekk l-azzjoni li tkun ittiehdet tkunx verament konsegwenza ta' l-esigenzi tasservizz, sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma jkunx qed juza l-poteri lilu moghtija sabiex jilhaq skopijiet oltre dawk li ghalihom f'idejh gie fdat dak il-poter fi kliem iehor sabiex jigi accertat li l-Kap ta' Dipartiment ma juzax il-poteri tieghu sabiex jikkommetti xi illegalita.*

*Huwa car ghalhekk mill-iskorta ta' tal-gurisprudenza citata illi din l-eccezzjoni talintimati m'ghandhiex mis-sewwa. Il-promozzjonijiet li saru ibiddel sew il-qaghda guridika tal-persuni li gew affetwati minnhom, kemm jekk dawn hadu promozzjoni u kemm jekk le, bhal fil-kaz tar-rikorrenti. L-oghti ta' promozzjoni ghandu impatt kemm finanzjarju u kif ukoll fuq il-progress fil-karriera tal-individwu koncernat. Ghalhekk ma jistghax jinghad illi promozzjoni huwa att ta' mera amministrazzjoni jew organizazzjoni interna meta dan jolqot proprju il-qaghda guridika u d-drittijiet tal-individwi koncernati.*

*Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda."*

Għal darb' oħra, jiġi ribadit li din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u mal-insenjament mogħti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta f' din il-kawża stess fl-4 ta' Novembru 2009. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

Primarjament, din il-Qorti tirribadixxi li la fir-rikors promotur u lanqas matul is-smigħ u trattazzjoni ta' din il-kawża, ma ġie indikat mill-attur abbażi ta' liema subartikolu ġiet impostata din il-kawża. Qatt ma saret xi tip ta' kjarifika f' dan is-sens. Madanakollu, jidher li l-lanjanza hija li d-deċiżjoni meħuda kienet abużiva, illegali, ultra vires u diskriminatorja bbażata fuq il-fatt li l-konvenuti bbażaw id-deċiżjoni tagħhom b'mod abbużiv bil-konsegwenza li min ingħata promozzjoni bbenefika minn trattament speċjali b'konsegwenza li l-attur ġie diskriminat. Għalhekk ma jidhirx illi l-ilment ta' diskriminazzjoni tal-attur għandu jiġi meqjus bħala ilment kostituzzjonali iżda għandu jiġi trattat bħala ilment fir-rigward ta' għemil amministrattiv.

Fil-premessi tar-rikors ġuramentat, l-attur ilmenta illi l-proċess ta' promozzjoni sar bi ksur tal-liġi peress li t-Tenent Kurunell Ian Ruġġier, Tenent Kurunell Mario Borg u Tenent Kurunell Amrtin Sammut ingħataw promozzjoni mill-grad ta' Maġġur għall-grad ta' Tenent Kurunell minkejja li huwa kien ilu f' *command appointment* għal dawn l-aħħar tnax-il sena, kellu aktar senjorita' minn dawn il-persuni, huwa kellu l-kriterju ta' l-effiċjenza li jirriżulta mill-*confidential reports* personali tiegħu u huwa ġie rikonoxxut min-naħa tal-AFM għas-servizz effiċjenti u twil tiegħu billi ġie ddekorat b' midalja.

Din il-Qorti bdiet biex qieset l-argumentazzjoni li ressaq l-attur fejn dan insista li huwa għandu aktar anzjanita mit-tlett persuni indikati fir-rikors promotur u għalhekk, ġialadarba huwa jisodisfa l-kriterju tal-effiċjenza u kien hemm *vacancy*, hu kien aktar idoneju għal promozzjoni.

Issa jrid jiġi mfakkar li kif ben sottolinjat mill-Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet Maġġur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et mogħtija fit-30 ta' Jannar 2020:

> *"Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-principju generali li meta tissindika ghemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew hazin, bhalma jsir fil-kaz ta' appell, li jidhol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, igifieri jekk giex imhaddem fil-qafas tas-setghat moghtija mil-ligi. L-istharrig gudizzjarju huwa ghalhekk mekkanizmu fundamentali biex jizgura li l-awtoritajiet pubblici ma jaqbzux il-limiti taghhom u tigi mharsa s-saltna tad-dritt. Ghalhekk meta Qorti tissindika ghemil amministrattiv, hija tiddeciedi biss jekk dak l-ghemil ghandux jithassar jew le, izda ma tbiddilx decizjoni mehuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgha li tiddecidieha b'ohra mehuda mill Qorti stess;*
>
> *Illi jista' jinghad li id f'id mal-kwestjoni tar-ragonevolezza ta' decizjoni jew ghemil amministrattiv, tidhol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintghamlu biex twassal ghat-tehid ta' tali decizjoni jew ghemil. Din ukoll hija wahda mill-kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kaz tieghu. Maghhom u minhabba l-kawzali specifika tat-thaddim tar-ragonevolezza, jidhol ta bilfors l-element tat-thaddim tad-diskrezzjoni li l-ligi taghni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun hadet dik id-decizjoni.*
> *[…]*
> *Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi bona fide. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli. Il-kejl tar-ragonevolezza jista' jitqies bhala l-mod kif ghemil amministrattiv ma jithalliex ikun agir arbitrarju jew kapriccuz. Izda jekk kemm-il darba jirrizulta li d-decizjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-ragonevolezza, imbaghad il-Qorti ta' stharrig ma jifdlilha l-ebda setgha li tindahal fuq is-siwi ta' dik id-decizjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel maghha jew jekk kinitx tiddeciedi bhalha."*

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti kkunsidrat li l-promozzjonijiet li l-attur jilmenta minnhom saru fir-ranks ta' Tenent Kurunell. Din il-Qorti qieset li ai termini tar-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 220.03 tal-Liġijiet ta' Malta, promozzjonijiet għal tali ranks mertu ta' din il-kawża għandhom isiru skond rakkomandazzjoni bażata fuq effiċjenza, anzjanita' u għazla biex timtela vakanza.

Illi ulterjorament, l-AFM *Officers Career Handbook* jelenka l-prassi ta' kif isiru l-promozzjonijiet:

> ***Career Patterns***

5. *The diversity of the AFM's roles and tasks offers an exciting range of career opportunities for AFM officers. Very broadly, these fall into five phases as follows:*

a. *Lieutenants and Junior Captains: In the early years of their careers, Lieutenants and junior Captains should generally be employed in testing junior command appointments. It is here that they will learn the art of man-management and the basic military and leadership skills.*
b. *Senior Captain and Junior Majors. By this stage, senior Captains or junior Majors should be capable of filling SO 3 appointments in HQ AFM or Adjutant posts in units. Some might also fill SO 2 posts in HQ AFM.*
c. *Senior Majors. Senior Majors should fill all the units 2ic posts and the company/quadron/battery commander/OC RSC posts un units. No majors will be considered for promotion to Lt Col unless they have undertaken at least one tour at regimental duty in one of these posts.*
d. *Lieutenant-Colonels. Three Commanding officer posts and two SO 1 posts should be selected from amongst the senior majors. These should ideally have a background of both staff and command experience.*
e. *Top Posts. The Commander, Deputy Commander and Colonel GD posts.*

…

*10.The aim should be to allow officers demonstrating the necessary qualities to develop their careers both on the staff and in command. The Top Posts in the AFM should come from these demonstrating high ability in both areas. Thus, suitably trained officers should be capable of alternating between staff and command appointments.*
*11. All tours should last two or three years in duration in keeping with the over-riding needs of the service, in order to broaden experience, to inject fresh blood and to fit officers in due course for a wide range of appropriate posts at Lt Col and above.*

*Inter-Unit Experience*

*12. Career development must also include experience of as wide a range of the AFM's different combat roles as possible. This will ensure that posts at Lr Col and above are filled by officers who have had direct experience on the ground of a range of different tasks, including infanty, maritime/air, engineering EOD air defence etc. however, the scope for doing so will inevitably be affected by the limitations imposed by time since, in a career spanning 25 years between the ages of 20 and 45 years before reaching the top-most ranks, an officer can only probably fit in about eight different appointments.*

Irriżulta wkoll li bejn l-2003 u l-2006 u ċioe' fl-erba' snin ta' qabel ma ngħataw il-promozzjonijiet mertu ta' din il-kawża, l-attur ma kellux rakkomandazzjoni sabiex ikun promoss mis-superjuri tiegħu. Dan jirriżulta mid-dokumenti esebiti bħala Dok CR1 sa CR4 u anke mix-xhieda mogħtija mill-Kurunell Raphael Farrugia. Per konsegwenza l-element ta' rakkomandazzjoni stipulat fir-regolament fuq riferit kien nieqes.

In oltre, jirriżulta ben evidenti li d-diskrezzjoni ta' min hu responsabbli hija limitata ai termini tar-regolament imsemmi, għaliex l-għażla li ssir trid ta' bilfors issir skont id-dettami ta' dan ir-regolament.

Din il-Qorti tissottolinja wkoll li rakkomandazzjoni ma tiddependix biss fuq il-kriterju tal-anzjanita', iżda hemm kriterji oħra li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta tingħata promozzjoni. Skont il-liġi stess sabiex tingħata promozzjoni għandu jittieħed kont tal-effiċjenza u l-vakanza partikolari li tkun trid tiġi mimlija. Għaldaqstant, il-fatt li l-attur għandu aktar anzjanita' minn dawk il-persuni msemmija ma jintitolahx awtomatikament għal riżultat li kellu jiġi promoss minflok dawn it-tlett persuni msemmija. F' dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet Francis Borg Falzon vs Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fis-7 ta' Lulju 2014 fejn ġie deċiż li:

> *"Il-fatt li suldat jinqabeż milli jinghata promozzjoni m'ghandux jitqies bhala li hu, awtomatikament, kaz ta' ingustizzja. Ghalkemm is-seniority hu fattur li jitqies, dan mhux, izda, fattur determinanti wahdu. Is-seniority tassumi importanza sew meta jkollok tnejn min nies (jew izjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid taghzel wiehed."*

In oltre, kif ben sottolinjat fil-kawża ġia ċitata mogħtija mill-Prim' Awla fis-17 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali intqal:

> *"Il-Qorti tqis illi mill-provi li gew prodotti quddiema jidher fil-fatt illi l-ideja li certu kwalifiki ghandhom aktar sahha mill-anzjanita ghar-rigward tal-promozzjonijiet m'hijiex xi wahda gdida jew esklussiva ghar-rank l-gholjin. Filfatt mix-xhieda li semghat din il-Qorti rrizulta illi fir-ranks fejn irid jghaddi minimu ta' zmien stipulat qabel ma individwu jkun jista' jigi promoss ghar-rank li jmiss il-process ta' promozzjoni accellerata jintuza proprju sabiex persuna illi tottjeni certu kwalifiki tkun tista' tigi promossa qabel ma jghaddi z-zmien minimu stipulat mill-ligi. Il-Qorti rat ukoll illi fil-process ta' SRAAC (ghalkemm sa issa intuza biss ghall-promozzjoni mir-rank ta' Maggur ghal Logotenent Kurunell) l-anzjanita tinghata biss 50 marka mit-total ta' 500. Il-Qorti rat ukoll illi skont ir-Regolament 37 (4) li jirrigwarda promozzjonijiet jipprovdi illi "[s]ervizz li ghandu jigi kalkolat ghandu jghodd ghal promozzjoni." Ghalhekk, jidher ghal din il-Qorti illi fl-evalwar tal-persuni ghall-finijiet ta' promozzjoni is-servizz kollu li jkunu taw fil-karriera taghhom (fit-test Ingliz: reckonable service) huwa relevanti u mhux biss is-servizz illi jkun ta f'dak ir-rank partikolari."*

Issa fil-każ odjern, l-attur bbaża l-maġġor parti tal-provi tiegħu fuq argumenti u suspetti li xehed dwarhom. Iżda provi konkreti fil-fehma umli ta' din il-Qorti ma tressqux a sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Huwa faċli li wieħed jintilef jagħmel allegazzjonijiet u jintroduċi argumenti oħra li lanqas biss ġew indikati fil-premessi tar-rikors ġuramentat (bħal per eżempju l-kwistjoni ta' *seciurity clearance.* Fl-ebda ħin ma tressqu provi suffiċjenti dwar il-kwalifiki ta' dawn it-tlett persuni msemmija fir-rikors ġuramentat li allegatament ingħataw promozzjoni minflok ma ngħatat lill-attur.

Apparti dan in-nuqqas ta' provi mressqa, il-Qorti tirrileva illi wieħed mill-kriterji li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta tingħata promozzjoni huwa l-effiċjenza u l-għażla għal vakanza (u ċioe il-persuna irid ikun il-persuna idoneja għal dik il-vakanza partikolari). Irriżulta mill-provi li l-attur għadda l-maġġor parti tal-karriera tiegħu jaħdem f' Għawdex fejn ir-responsabbilita' tiegħu kienet ferm inqas minn dik li kienu qed iġorru kollegi tiegħu fl-istess rank ġewwa Malta. Dan irriżulta mix-xhieda mogħtija mill-eks Kmandant tal-Forzi Armati, il-Brigadier Carmel Vassallo. In fatti, il-Brigadier spjega li huwa ried li l-attur ikollu aktar responsabbilita' fil-karriera tiegħu u firxa aktar wiesa ta' esperjenza tant li huwa kien

tah *transfer* għal Malta iżda l-attur reġa' ntbagħat lura Għawdex fuq pressjoni mill-Uffiċju tal-Prim Minsitru b'dana li huwa ma akkwistax l-esperjenza meħtieġa.

Dan ġie wkoll ikkonfermat minn Edgar Galea Curmi, li spjega li l-fatt li l-attur ried jibqa' jaħdem Għawdex illimitalu r-responsabbilitajiet tiegħu. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Edgar Galea Curmi rriżulta li l-attur uża pressjoni politika sabiex huwa jieħu l-*promotion* u meta huwa kien iddiskuta mal-Brigadier fuq il-possibilita' li l-attur jingħata l-*promotion*, il-Brigadier Vassallo kien qallu li l-attur kien moħħu f'Għawdex fejn ix-xogħol kien wieħed ta' inqas responsabbilita'.

Fl-istess sens kienet ix-xhieda tal-Kurunell Raphael Farrugia fejn spjega li huwa kien tal-fehma li l-attur ma kienux lest li jingħata l-promozzjoni tant li huwa niżżel '*not yet*' fil-*confidential report* tal-istess attur filwaqt li kompla jispjega li Għawdex ma kellux l-istess *bulk* tax-xogħol bħal postijiet oħra u għandu relattivament inqas nies minn kumpaniji oħrajn. In fatti, skont il-Kurunell Raphael Farrugia, dan impinġa fuq l-esperjenza li kien qed jieħu l-attur fir-rank tiegħu peress li kollegi tal-attur fl-istess rank iżda stazzjonati f' Malta kienu qed jiġbru esperjenzi varji li setgħu jkunu utli għalihom biex jimxu iktar 'il quddiem fil-karriera tagħhom. In oltre, irriżulta mix-xhieda tal-Kurunell Raphael Farrugia li huwa ma kienx qed jirrakomanda lill-attur għal promozzjoni peress li kien qed jerfa' piż jew responsabbilita' inqas minn Maġġuri oħra f' Malta.

Din il-Qorti tfakkar illi m'huwiex fil-poter tagħha illi tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni meħuda mill-intimati kienet waħda tajba, iżda sempliċiment jekk kienetx legali, inkluż jekk kienetx raġonevoli. Ikkunsidrati dawn il-provi miġjuba mill-konvenuti u l-esperjenza tal-attur li kien dejjem jinsisti li jibqa' stazzjonat Għawdex tant li meta f' okkażżjoni ġie stazzjonat f' Malta, saret pressjoni politika sabiex jerġa' jiġi stazzjonat Għawdex, il-Qorti tqis illi d-deċiżjoni meħuda ma tirriżultax illi kienet irraġonevoli jew diskriminatorja fil-konfront tal-attur.

Fil-każ odjern, il-Qorti ma tistax issejjes id-deċiżjoni tagħha fuq suspetti jew dubji li seta' kellu jew għad għandu l-attur, iżda biss fuq il-provi konkreti illi jkunu ġew prodotti quddiemha, u tiddeċiedi l-kawża skont il-kawżali proposti mir-rikorrent, il-liġi u l-fatti li jkunu rriżultaw. Lanqas ma tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha a bażi tal-opinjoni tagħha rigward min kellu jiġi promoss speċjalment għaliex hija m'hijiex kwalifikata biex tagħmel tali deċiżjoni. Dana in linea ma' dak li ġie ribadit fil-kawża ġia ċitata fl-ismijiet Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali. In oltre, r-raba' talba hekk kif impustata lanqas ma tista' treġi f' kawżi ta' din l-ispeċie peress li kif ġia' ġie osservat, hija ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-awtorita' pubblika billi tordna promozzjoni ta' persuna.

L-attur lanqas ma jista' jserraħ il-każ tiegħu fuq il-fatt li fil-mori ta' din il-kawża, huwa ngħata l-promozzjoni għall-grad ta' Logotenent Kurunell fl-Armata u dana peress li din ingħatat in vista tal-bdil fil-policy li kienet tirregola promozzjonijiet. Għalhekk, il-fatt li ngħata promozzjoni lanqas ma tista' tissarraf b' xi tiġbid għal xi prova dwar kemm id-deċiżjoni meħuda fil-perijodu mertu ta' din il-kawża kienet waħda abbużiva u illegali.

Addizzjonalment jiġi sottolinjat ukoll li l-Qorti hija konxja tal-fatt li l-attur ħa promozzjoni fis-27 ta' Settembru 2013 u li din ġiet *backdated* għall-1 ta' Lulju 2010. Skont l-attur, il-Bord tal-Inġustizzji ma setgħax jagħti deċiżjoni dwar il-*promotion* qabel l-1 ta' Lulju 2010 minħabba

li l-każ kien għadu *sub judice.* Madanakollu, il-Qorti tirrileva li għalkemm ebda raġuni ma ingħatat għaliex il-*promotion* ġiet *backdated*, xorta tqis li d-deċiżjoni meħuda u mertu ta' din il-kawża ma kinitx abbużiva, illegali u ultra vires.

Illi fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrent m'għandux mis-sewwa u għandu jiġi miċħud.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba filwaqt li tiċħad ir-rimanenti talbiet tal-attur u tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u kjamat fil-kawża.**

**L-ispejjeż għajr għal dawk ġia' deċiżi fiż-żewġ sentenzi in parte għandhom jiġu sopportati in kwantu jirrelataw għat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti a karigu tal-istess konvenuti u in kwantu jirrelataw għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża a karigu tal-istess kjamat, filwaqt li l-ispejjeż relatati mat-talbiet kollha tal-attur għandhom ikunu a karigu tal-istess attur.**

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur
08.03.2024 – Sup44.2008 – Maġġur Claudio Terrible AFM vs Prim Ministru et.